# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-30 t'Ottubru, 2018.**

**Rikors Numru 401/2017**

***Sun Route Hotels Limited* (C10271),**
***Grand Hotel Excelsior Ltd.* (C128737),**
***Sunflower Hotel Co Limited* (C10619),**
***Gillieru Harbour Hotel Ltd*. (C13931),**
***Vivaldi Hotel (Operations) Limited* (C24056),**
***Holden Development Company Limited* (C109)**
**u *Hotel Valentina Ltd*. (C21495)**

**vs.**

**Edrichton Holidays Limited**
**(C3111)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-8 ta' Mejju, 2017, li permezz tieghu r-rapprezentant tas-socjeta` *Sun Route Hotels Limited* ikkonferma bil-gurament tieghu u sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi s-socjetajiet rikorrenti joperaw lukandi ewlenin f'Malta;

1.2. Illi s-socjeta` intimata min-naha taghha tordna u tixtri akkomodazzjoni fl-istess lukandi minghand is-socjetajiet rikorrenti u dan, bis-sahha ta' ftehim appozitu;

1.3. Illi s-socjeta` intimata ghandha debitu komplessiv ta' mitejn u tlettax -il elf, mitejn u sitta u ghoxrin euro u tmienja u disghin centezmu, (€213,226.98), ammont cert, likwidu u dovut *stante* li qabez is-sittin (60) gurnata ta' kreditu *ai termini* tal-ftehim fuq indikat;

1.4. Illi dan l-ammont jirrizulta maqsum bil-mod specifikament indikat fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 2 paragrafu numru 3 a sa g u foll 6 sa 21);

1.5. Illi ghalkemm interpellata biex thallas l-ammont minnha dovut lis-socjetajiet rikorrenti, s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti, (ara foll 22);

1.6. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex is-socjeta` intimata tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.6.1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjetajiet rikorrenti s-somma komplessiva ta' €213,226.98, ammont cert, likwidu u dovut *stante* li qabez is-60 gurnata ta' kreditu tal-ftehim fuq riferit;

1.6.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas l-imsemmi ammont bl-imghaxijiet legali dekorribbli f'kull kaz mill-gurnata li ssegwi s-60 gurnata ta' kreditu ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv bir-rata ta' 8% fis-sena;

1.6.3. Bl-ispejjez kollha kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-istess socjeta` intimata;

2. Rat id-digriet taghha datat it-12 ta' Mejju, 2017, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 27);

3.0. Rat ir-risposta guramentatat datata t-8 ta' Gunju, 2017, li permezz taghha s-socjeta` intimata sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

3.1. Illi **preliminarjament** l-azzjoni intrapriza mis-socjetajiet rikorrenti hi nulla *stante* li ma jikkonkorrux l-elementi tal-artiklu 161(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (minn issa 'l quddiem Kap 12), u ghalhekk it-talbiet u l-pretensjonijiet kien misshom saru individwalment;

3.2. Illi t-talbiet rikorrenti ma jistghux jigu akkolti ghaliex ma talbux dikjarazzjoni ta' responsabbilita` mis-socjeta` intimata;

3.3. Illi fir-rigward tas-socjetajiet *Gillieru Harbour Limited* u *Vivaldi Hotel (Operations) Limited* l-ammont mitlub mhux dovut u hu intempestiv;

3.4. Illi fil-**mertu** ammont sostanzjali minn dak mitlub mhux dovut *stante* li dan kien jikkonsisti fi prenotazzjonijiet ta' *tour operator* barrani li falla u dawn qatt ma kellhom jithallsu mis-socjeta` intimata;

3.5. Illi l-ammonti mitluba mis-socjetajiet rikorrenti ma jaqblux mar-rendikont tas-servizzi uzati mis-socjeta` intimata;

3.6. Illi s-socjeta` intimata dejjem opponiet it-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti, (ara foll 45 sa foll 68);

3.7. Salv risposti ulterjuri fil-kaz li din il-qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` intimata;

3.8. Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet rikorrenti;

4. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-fatti sottomessa mis-socjeta` intimata, (ara foll 35 sa 42), inkluzi d-dokumenti hemm annessi, (ara foll 69 sa 155);

5. Rat id-digriet taghha datat l-20 ta' Gunju, 2017, fejn wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` intimata, awtorizzat lill-partijiet biex l-ewwel jindirizzaw l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` intimata, (ara foll 159);

6. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-partijiet datat it-2 ta' Novembru, 2017, li permezz tieghu ddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi x'jipproducu, (ara foll 160);

7. Rat id-digriet taghha datat ukoll it-2 ta' Novembru, 2017, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 160);

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` intimata datata t-18 ta' Jannar, 2013, (ara foll 162), flimkien ma dik tas-socjetajiet rikorrenti datata t-22 ta' Frar, 2018, (ara foll 167);

9. Semghet ix-xhieda prodotta;

10. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

11. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

12. Illi f'dan l-istadju din il-procedura hi limitata ghall-epurazzjoni tal-**ewwel eccezzjoni preliminari** sollevata mis-socjeta` intimata, (ara foll 159 u 33);

13. Illi permezz tal-istess, is-socjeta` intimata preliminarjament eccepiet li l-azzjoni rikorrenti hi nulla u irritwali ghaliex ma jikkonkorrux l-elementi tal-artiklu 161(3) tal-Kap 12 u ghalhekk t-talbiet u pretensjonijiet tas-socjetajiet rikorrenti misshom saru individwalment;

14. Illi l-imsemmi sub-artiklu jistipula s-segwenti:

> "Zewg atturi jew aktar jistghu jibdew il-kawzi taghhom permezz ta' rikors guramentat jew rikors mhux guramentat wiehed skont il-kaz, jekk il-kawzi jkollhom

x'jaqsmu ma' xulxin minhabba fil-mertu taghhom jew jekk id-decizjoni li tinghata dwar wahda mill-kawzi tista' tolqot id-decizjoni dwar il-kawza jew il-kawzi l-ohra u jekk il-provi li jingiebu f'wahda mill-kawzi jkunu, generalment l-istess provi li ghandhom jingiebu fil-kawza jew fil-kawzi l-ohra. Ir-raguni ghaliex ikunu qeghdin isiru l-kawzi u l-mertu taghhom ghandhom jigu dikjarati b'mod car u specifiku minn kull attur";

Ikkunsidrat:

15. Illi l-procedura odjerna giet inizzjata minn seba' (7) socjetajiet rikorrenti f'daqqa billi ipprezentaw rikors guramentat wiehed, senjatament dak li kommunement tissejjah azzjoni kollettiva jew kumulattiva;

16. Illi in effetti, rizultat tal-imsemmija eccezzjoni preliminari sollevata, dak li jinhtieg li jsir f'dan l-istadju hu li jigi ezaminat jekk din l-azzjoni kollettiva jew kumulattiva hawn in dizamina osservatx id-dettami tal-artiklu 161(3) tak-Kap 12 fuq riprodott, (ara paragrafu numru erbatax (14.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

17. Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Jonathan Ellul et vs. Jesmond Mercieca *et***, datata l-**14 t'April, 2016**, li irriteniet is-segwenti:

> "L-artikolu tal-ligi jipproponi allura erba' elementi biex jista' jinghad li l-azzjoni kumulattiva hi proceduralment in regola. Dawn huma:
>
> "1. Tnejn jew aktar rikorrenti;
>
> "2. Li l-kawza tigi proposta f'azzjoni wahda;
>
> "3. Li fil-kawza r-rikorrenti jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin minhabba l-mertu jew jekk id-decizjoni f'wahda mill-kawzi tolqot id-decizjoni dwar il-kawza jew il-kawzi l-ohra;

> “4. Il-provi b’mod generali jkunu jghoddu kwazi bl-istess mod ghal kull kawza;
>
> “5. Kull rikorrenti jrid b’mod car juri l-oggett u r-raguni tal-kawza;

> “Hu ritenut illi biex tirnexxi tali kawza kumulattiva mhux necessarju li l-azzjoni tigi akkolta fil-konfront tar-rikorrenti kollha (ara **Mary Vella *et* vs Josephine Bugeja, PA 04/06/1991**);

18. Illi biex jigi kjarifikat aktar is-suespost issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** fl-ismijiet **Joseph Grima *et* vs. Pierre Buontempo *et*** li irriteniet is-segwenti:

> “Mill-premess jirrizulta li tista’ ssir kawza kollettiva jew ghax il-pretenzjonijiet tad-diversi atturi “*jkollhom x’jaqsmu ma’ xulxin*”, jew ghax il-provi u l-eventwali decizjoni fuq pretensjoni, wahda tista’, “*tolqot*” il-pretensjonijiet l-ohra. Kif qalet il-**Prim’Awla tal-Qorti Civili** fil-kawza **Micallef *et* v. *Trusted Ltd et***, deciza fl-**20 ta’ Gunju, 2012**, mhux mehtieg li r-rikorrenti kollha ikollhom l-istess interess fil-kawza, jekk kemm -il darba t-talbiet setghu jkunu l-istess u johorgu mill-istess cirkostanzi. F’dan il-kaz, in-negozju kien wiehed, ghalkemm kien jinvolvi diversi persuni, u l-posizzjoni tar-rikorrenti huma identici. Hu ovvju li l-provi huma marbuta ma’ xulxin u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma marbuta wahda ma’ l-ohra u decizjoni fuq pretensjoni tista’ tolqot id-decizjoni fuq pretensjoni ohra”;

19. Illi fid-dawl tas-suespost din il-qorti m’ghandiex alternattiva hlief li tapplika l-istess insenjament ghall-fattispeci tal-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi hawn jirrizulta li s-socjetajiet rikorrenti qed jitolbu kollettivament li l-qorti odjerna:

20.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi debitrici taghhom fis-somom minnhom specifikati, (ara foll 2);

20.2. Tikkundanna ghalhekk lill-istess socjeta` intimata thallas l-istess somom involuti lis-socjetajiet rikorrenti, (ara foll 2);

21.0. Illi s-socjeta` intimata tissottometti sintetikament is-segwenti:

21.1. Illi l-mertu tat-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti huma kompletament distinti;

21.2. Illi l-mod kif tigi deciza talba wahda ma taffettwax ir-rizultat f'talba ohra; u

21.3. Illi l-uniku element komuni hu li hemm allegazzjoni li s-socjeta` intimata hi debitrici ghas-socjetajiet rikorrenti;

22. Illi min-naha taghhom s-socjetajiet rikorrenti jsosstnu li r-rekwiziti kollha tal-artiklu 161(3) tal-Kap 12 gew ampjament sodisfatti u konsegwentement, l-azzjoni kollettiva in dizamina tista' tipprocedi;

Ikkunsidrat:

23.0. Illi minn ezami tal-atti jirrizulta sintetikament is-segwenti:

23.1. Illi r-raguni li ghaliha giet intavolata l-procedura odjerna hi komuni ghas-socjetajiet rikorrenti kollha – senjatament li lkoll jallegaw li ghandhom jiehdu flus mis-socjeta` intimata ghas-servizzi minnhom lilha prestati;

23.2. Illi l-provi li jistghu jigu prodotti f'din il-procedura huma l-istess li jistghu jingiebu kieku l-azzjonijiet tar-rikorrenti kienu intavolati minnhom separatament;

23.3. Illi s-socjetajiet rikorrenti jsosstnu li l-provi li ser jingiebu fuq il-mertu in dizamina ser ikunu identici, (ara paragrafu 2.1.11 a foll 174), u dan jirrizulta wkoll mill-fatt li l-premessi li fuqhom jistriehu t-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti huma effettivament l-istess ghas-socjetajiet rikorrenti kollha;

23.4. Illi minkejja li jirrizulta li hemm ftehim differenti bejn kull socjeta` rikorrenti u s-socjeta` intimata, jigi sottolineat li t-

termini u kundizzjonijiet tal-istess jirrizultaw li huma identici;

Ikkunsidrat:

24. Illi ghalhekk, rizultat tal-fatt li l-kuntratti in dizamina bejn il-kontendenti huma identici, allura dawn joholqu relazzjonijiet bejn is-socjetajiet rikorrenti u s-socjeta` intimata li jkunu identici ghal xulxin;

25. Illi konsegwenza ta' din l-identita` hekk riskontrata, decizjoni mehuda fil-konfront ta' socjeta` rikorrenti wahda holqot ukoll id-decizjonijiet l-ohra mehuda fil-konfront tas-socjetajiet rikorrenti l-ohra;

26. Illi *di piu`* minn ezami tar-rizultanzi in atti ma jirrizulta l-ebda pregudizzju soffert mis-socjeta` intimata fil-preparazzjoni tad-difiza taghha bhala rizultat dirett ta' din l-azzjoni kumulattiva;

27. Illi mir-risposta guramentata taghha, (ara foll 33), jirrizulta assodat li ddefendiet ruhha sew bir-risposti minnha intavolati, u dan anke billi ppromoviet eccezzjonijiet separati u distinti fil-konfront tas-socjetajiet rikorrenti, liema eccezzjonijiet separati u distinti jistghu jsiru anke f'din l-azzjoni kollettiva u kumulattiva u konsegwentement, meta eventwalment jigi ezaminat u deciz il-mertu veru u proprju ta' din il-procedura, tali talbiet jistghu kemm jigu akkolti kif ukoll respinti skont il-kaz;

Ikkunsidrat:

28. Illi finalment issir ukoll referenza ghall-artiklu 161(4) tal-Kap 12 li jistipula s-segwenti:

> "Madankollu, kull wahda mill-kawzi li hekk jinbnew flimkien ghandhom jinstemghu separatament meta xi attur jitlob li jsir dan fil-kawza tieghu; u l-qorti tista' wkoll tordna l-kawza ghandha tinstama' ghaliha meta ma jkunx espedjenti li l-kawzi tal-atturi kollha jinstemghu flimkien. Dik l-ordni tista' tinghata f'kull zmien tal-kawza qabel is-sentenza finali";

29. Illi madankollu tali procedura indikata fil-paragrafu precedenti tigi biss utilizzata kemm -il darba jkun hemm il-presuppost ghall-istess skont il-kaz;

Ikkunsidrat:

30.0. Illi minn ezami tar-rizultanzi *in atti* jirrizulta sintetikament is-segwenti:

30.1. Illi jezisti ness komuni kif rikjest mill-ligi bejn il-premessi esposti fir-rikors guramentat promotur u t-talbiet elenkati mis-socjetajiet rikorrenti li jirrizultaw li huma l-istess ghas-socjetajiet rikorrenti kollha;

30.2. Illi konsegwentment, ghall-ekonomija tal-gudizzju jkun ferm ghaqli li jigu ipprezentati l-provi kollha fi procedura wahda unitarja bhal ma hu mitlub li jsir fil-procedura odjerna;

30.3. Illi konsegwenza tal-istess ir-rekwiziti tal-artiklu 161(3) tal-Kap 12 qed jigu sodisfatti;

Ikkunsidrat:

31.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` intimata ma ssodisfatx lill-qorti fir-rigward, u konsegwentement:

**DECIDE:**

31.1. Tirrespingi din l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` intimata;

31.2. Tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu;

31.3. Bl-ispejjez ghal din is-sentenza preliminari kontra s-socjeta` intimata;

31.4. Tirriserva li tirriappunta l-istess procedura ghall-kontinwazzjoni fuq il-mertu wara li tisma' lill-abbli rapprezentanti legali fir-rigward.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**